22 ta' April, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Alfonso Morana *versus* Mary sive Rosie Souness

**Konkubinat — Mara Kummerċjanta — Illeġittimità tal-Persuna — Depożitu — Komunjoni tal-Akkwisti — Azzjoni "de in rem verso" — Azzjoni rivendikatorja — Art. 2000 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 784 (2) (b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Art. 13 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**

*Mhux kull negozju li jsir bejn konkubini huwa "ipso facto" u indiskriminatament illeċitu; u anki l-liberalitajiet jistgħu jkunu validi, jekk mhux suġġetti għall-kontinwazzjoni tar-relazzjonijiet illeċiti bħala kondizzjoni ta' dawk il-liberalitajiet.*

*Il-mara li teżerċita l-kummerċ bil-kunsens ta' żewġha hija persuna leġittima biex toqgħod f'kawża, tant bħala attriċi kemm bħala konvenuta, mingħajr l-assistenza jew l-awtorizazzjoni ta' żewġha, avvolja l-azzjoni ma tkunx tirrigwarda l-affarijiet tal-kummerċ tagħha; u dan b'liġi espressa; riferibilment, però, għal azzjonijiet propriji tal-mara jew propriji kontra tagħha, u mhux ukoll għal dawk propriji ta' żewġha jew tiegħu bħala amministratur ta' l-akkwisti.*

*Jekk il-konkubin jikkonsenja lill-konkubina xi oġġetti b'titolu ta' depożitu, l-azzjoni tiegħu għar-restituzzjoni ta' dawk l-oġġetti hija proprija tal-mara, u r-raġel ma jidħol xejn; għax dawk l-oġġetti ma jidħlux fl-akkwisti; u għalhekk dik il-konkubina, li tkun teżerċita l-merkatura bil-kunsens ta' żewġha, hija persuna leġittima biex tikkontesta dik l-azzjoni.*

*Il-mara miżżewġa li teżerċita l-merkatura tista' tikkuntratta; iżda dwar dak li jirrigwarda u għandu x'jaqsam mal-kummerċ tagħha; u għaldaqstant, jekk id-depożitu li ħalla għandha l-konkubin tagħha ma kienx jidħol fil-kummerċ tagħha, hija għandha titqies bħala persuna inkapaċi għal dak id-depożitu. Il-konkubin, però, jista' jaġixxi kontra tagħha għar-restituzzjoni tad-depożitu bis-saħħa ta' l-azzjoni "de in rem verso", jew b'dik rivendikatorja, kemm-il darba l-oġġetti depożitati jkunu għadhom f'idejha.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa kkonsenja lill-konvenuta l-oġġetti u l-għamara msemmijin fl-anness lista (dok. A), biex iż-żommhomlu bħala depożitu; u illi l-konvenuta, allavolja ġiet ripetutament interpellata, ma rrestitwietlux l-imsemmija għamara u oġġetti; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti opportuni, il-konvenuta tkun kundannata tirrestitwilu l-għamara u l-oġġetti l-oħra fuq riferiti; u fin-nuqqas ta' restituzzjoni ta' l-imsemmija għamara u oġġetti, jew xi waħdiet minnhom, hija tiġi kundannata tħallas lilu dik is-somma li tiġi stabbilita minn dina l-Qorti, permezz ta' periti nominandi jekk meħtieġ, bħala valur ta' dawk mill-imsemmija oġġetti li tagħhom il-konvenuta ma tagħmelx ir-restituzzjoni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' qbid tat-22 ta' Jannar, 1952, kontra l-konvenuta, li ġiet inġunta għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha tesponi illi l-oġġetti reklamati kienu ġew mogħtija lilha in konsiderazzjoni u in vista tar-relazzjonijiet illeċiti li kien hemm bejn il-kontendenti, u għalhekk l-attur ma jistax iżjed jitlobhom lura; illi, fi kwalunkwe każ, l-azzjoni kien imissha

diretta kontra John Souness, ir-raġel tagħha, bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, peress illi huwa kien iżżewweġ f'dawn il-Gżejjer, fejn qagħad xi erbgħa snin, u skond il-liġi huma ko-akkwisti anki dawk li jsiru b'xogħol li mhux onest; illi xejn ma jiswa illi hija hi publika merkantessa, għaliex l-oġġetti in kwistjoni ġew f'idejha indipendentement minn negozju ordinarju li kienet teżerċita, u għalhekk jista' jirrispondi għalihom żewġha biss (arg. art. 13 Kod. Kumm.). B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-10 ta' Jannar, 1955, li biha ddeċediet billi rrespinġiet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, bl-ispejjeż kontra tagħha, u ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni ulterjuri tagħha; wara li kkunsidrat;

Illi, għalkemm fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet il-konvenuta ma tiċħadx illi hija hi publika merkantessa, fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha responi, u fit-trattazzjonijiet orali ssottomettiet, illi hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex ma jirriżultax li hija teżerċita l-kummerċ bil-kunsens ta' żewġha. Jekk inhu hekk, is-sottomissjoni tal-konvenuta hi fondata, għaliex allura hija ma tkunx persuna leġittima biex tikkontesta din il-kawża. Tabilħaqq, skond il-liġi, il-mara miżżewġa u eżerċenti l-merkatura, kif inhi l-konvenuta, tista' tkun kapaċi biex tagħmel f'kawża, bħala attriċi jew bħala konvenuta, mingħajr assistenza jew awtorizzazzjoni ta' żewġha, jekk hija tkun fil-kummerċ bil-kunsens ta' żewġha (art. 782 (b) kombinat ma' l-art. 784 (b) Kod. Proċ.C.). Imma din is-sottomissjoni, jew aħjar eċċezzjoni tal-konvenuta, ma treġix. Hija xehdet illi għandha l-ħanut tan-negozju f'isimha (fol. 28, 58); illi dan il-ħanut hija armatu bil-permess ta' żewġha, billi dan taha l-permess tas-supplika; u sas-sena 1943, meta kien hawn Malta, żewġha mar għandha, ra l-ħanut, u ma qalilha xejn fuqu (fol. 58 tergo);

Illi l-konvenuta teċċepixxi illi hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex l-attur kien messu intenta din l-azzjoni kontra żewġha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u mhux kontra tagħha personalment. Din l-eċċezzjoni tinvolvi sa ċertu pont il-meritu tal-kawża, għaliex

l-istess jista' talvolta jkollha eżitu favorevoli għall-konvenuta, jekk, kif hija tallega, l-attur taha l-oġġetti msemmijin fiċ-ċitazzjoni, u hija ħadithom minn għandu, b'konsiderazzjoni tar-relazzjonijiet intimi li kien hemm bejniethom. F'dan ir-rigward, l-attur jippretendi illi l-istess oġġetti huwa kkonsenjahom lill-konvenuta merament b'titolu ta' depożitu;

Illi lanqas din l-eċċezzjoni tal-konvenuta ma' treġi. Il-konvenuta żżewġet ma' John Souness għall-ħabta tas-sena 1927. Hija kienet taf lill-attur minn qabel dak iż-żwieġ. Fis-sena 1931 jew 1932 żewġha telaqha; minn dak iż-żmien hija dbiet tgħix ma' l-attur bħallikieku kien żewġha, imma ma kienetx toqgħod miegħu fl-istess dar. Kien biss fis-sena 1939 li l-kontendenti bdew jgħixu fl-istess dar, dik tal-konvenuta, u damu f'dan l-istat sas-sena 1950, bejn wieħed u ieħor. Il-konvenuta kellha sett ta' l-abjad tal-kamra tas-sodda f'kamra, u l-attur kien jagħmel użu minnu; imma fis-sena 1945 l-attur wara illi l-konvenuta kienet qaltlu illi kien hemm bżonn jixtri gwardarroba għal ħwejġu, xtara sett tal-kamra tas-sodda kompluta tal-kawba, b'£142, li tqiegħed fil-kamra li kien juża l-attur. Minn dan is-sett il-konvenuta kienet tagħmel użu biss mis-sodda u mill-gwardarroba. Fl-intervall l-attur wiret xi deheb ta' zijuh, li kien kanoniku, u ħadu fid-dar tal-konvenuta, u ġie miżmum minn dina, li kellha ċ-ċavetta tal-post fejn ġie mqiegħed. Dawn l-oġġetti kienu dawk indikati fil-fol. 4 tal-process;

Illi, rigward is-sett tal-kamra tas-sodda, il-konvenuta taqbel ma' l-attur illi għall-ewwel dana kien sejjer jixtri biss gwardarroba, għaliex dik biss kellu bżonn ...... Għalhekk ma jidhirx illi dak is-sett l-attur xtraħ għall-konvenuta, għaliex dina ġa kellha bizzejjed minn din ix-xorta ta' għamara, imma xtraħ għalieħ u għall-użu tiegħu, għaliex huwa ma kellux wieħed; biss kienet tagħmel użu minnu anki l-konvenuta;

Illi, rigward l-oġġetti tad-deheb, jidher illi l-attur tahom lill-konvenuta biex jinżammu fid-dar tagħha, u mhux biex iżżommhom għaliha. U dan ma setax ikun mod ieħor, għaliex l-attur dak iż-żmien ma kellux fejn jpoġġi dak id-deheb ...... Lanqas ma tista' tgħid il-konvenuta illi l-attur taha dawk l-oġġetti għar-raġuni ġa msemmija, jiġifieri b'kon-

siderazzjoni tar-relazzjonijiet intimi li kien hemm bejniethom. Għal dik ir-raġuni l-attur kien taha, kif irriżulta, diversi oġġetti tad-deheb; kien jgħaddilha l-manteniment, iħallas il-kera tad-dar tagħha, kif ukoll joħrogħa miegħu. Anki l-konvenuta kienet tagħat xi oġġetti lill-attur, li, biex dawn żammhom, kellu jagħtiha £9 (fol. 18 tergo);

Illi minn dan li ntqal jiġi illi l-oġġetti ġa msemmija ġew mogħtija mill-attur lill-konvenuta bħala depożitu, u mhux biex iżżommhom għaliha; u għalhekk l-istess ma daħlux fil-komunjoni ta' l-akkwisti konjugali eżistenti bejn il-konvenuta u żewġha, billi fil-komunjoni ta' l-akkwisti jidħol dak kollu li r-raġel u l-mara jakkwistaw bix-xogħol u l-ħidma tagħhom (art. 1365 Kodiċi Ċivili), u mhux dak li jingħata lilhom b'depożitu. Id-depożitarju ma jagħmel ebda akkwist fil-ħaġa depożitata għandu; għaliex mill-kuntratt tad-depożitu ma jitnissel ebda dritt fuq il-ħaġa depożitata (Ricci, Diritto Civile, Vol. IX, para. 227); u għalkemm żewġha kien imsiefer, il-konvenuta setgħet tirċievi b'depożitu dawk l-oġġetti għaliex il-mara miżżewġa tista' tirċievi oġġetti b'depożitu anki mingħajr awtorizzazzjoni ta' żewġha (Ricci, loc. cit., para. 228.) Għalhekk, biex jitlob ir-restituzzjoni ta' l-imsemmijin oġġetti, l-attur ma għandux għalfejn jintenta l-azzjoni kontra r-raġel tal-konvenuta bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuta, fol. 67, li biha appellat mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talbet li tiġi revokata u li jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet tagħha fuq imsemmija; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Tnejn huma l-eċċezzjonijiet devoluti għall-eżami ta' din il-Qorti, ċjoè (1) dik ritwali ta' l-illegittimità tal-persuna tal-konvenuta, u (2) dik li l-azzjoni kien imissha ġiet esperita kontra żewġ il-konvenuta;

Kif sewwa rraġunat il-Qorti ta' l-Ewwel Grad, biex jiġu deċiżi dawn l-eċċezzjonijiet hemm bżonn li jiġi delibat il-meritu, fis-sens almenu li jiġi stabbilit "quo titulo" ġew

mogħtija lill-konvenuta mill-attur l-oġġetti minnu reklamati f'din l-azzjoni;

Fuq dan il-pont ta' fatt, din il-Qorti, għar-raġunijiet ta' fatt dettaljatament esposti fis-sentenza appellata, taqbel ma' l-Ewwel Qorti li dawn l-oġġetti ġew mogħtija lill-konvenuta b'titolu ta' depożitu. Mhux kull negozju li jsir bejn konkubini hu "ipso facto" u indiskriminatament illeċitu. "Non bisogna conchiudere", qalet il-Qorti tal-Kummerċ in re "*Perotti vs. Zarb*", 14 ta' *Jannar*, 1927, Kollez. XXVI-III-706, "che *ogni* obbligazione assunta da un uomo a favore di una donna colla quale ha relazioni illecite sia necessariamente contraria ai buoni costumi". Anki liberalitajiet jistgħu jkunu validi, jekk mhux soġġetti għall-kondizzjoni tal-kontinwazzjoni tar-relazzjonijiet illeċiti (ara Baudry, ċitat b'approvazzjoni fis-sentenza issa ċitata; kif ukoll il-Halsbury, Laws of England, hemm ukoll ċitat). F'dan il-każ kollox juri li l-attur kien ħa dawn l-oġġetti *fid-dar* li fiha kien jikkoabita mal-konvenuta appuntu għax, "*rebus sic stantibus*", dik kienet daru;

Dwar l-ewwel *eċċezzjoni*, ta' l-illeġittimità tal-persuna;

*Jirriżulta* mill-provi, kif sewwa rriteniet l-Ewwel *Qorti*, li l-konvenuta kienet *teżerċita* l-merkatura bil-kunsens ta' żewġha:

Għalhekk, skond l-art. 784 (2) (b) Kap. 15 Ediz. Riv., hija hi *persuna leġittima*, avvolja l-azzjoni *preżenti* ma tirrigwardax l-affarijiet tal-kummerċ tagħha; u dan b'liġi espressa;

Intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti, "Mangion vs. Agius", 1 ta' Ġunju, 1928, Kollez. Vol. XXVII-I-121-124, illi dak l-artikolu tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jirriferixxi biss għall-azzjonijiet proprji tal-mara jew propriji kontra tagħha, iżda mhux għal dawk proprji ta' żewġha, jew tiegħu bħala amministratur tal-koakkwisti. U appuntu f'dan il-każ, ġa ladarba si tratta *ta' depożitu magħmul* f'idejn il-konvenuta, l-azzjoni hi waħda proprija tal-mara, u r-raġel ma jidħol xejn. Kien ikun talvolta divers il-każ kieku din il-Qorti, bħala fatt, eskludiet it-titolu tad-depożitu u kkonkjudiet għat-titolu ta' l-akkwist; għax allura l-azzjoni kienet tkun tar-raġel, kieku din il-Qorti kellha ssegwi t-teorija li jaqgħu fl-akkwisti

anki oġġetti akkwistati *illeċitament*; fuq liema teorija din il-Qorti mhix qegħdha tippronunzja ruħha;

Għalhekk l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ma *hijiex sostnuta*;

Kwantu għall-eċċezzjoni l-oħra, li l-kawża kien imissha saret *kontra r-raġel*;

Il-mara miżżewġa li teżerċita l-merkatura tista' tikkuntratta, iżda dwar dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ tagħha (art. 13 Kap. 17 Ediz. Riv.). Dan id-depożitu ma kienx jidħol fil-kummerċ tal-konvenuta. Għalhekk, relativament għad-depożitu, il-konvenuta għandha titqies persuna inkapaċi. Issa, skond l-art. 2000 Kap. 23 Ediz. Riv., "jekk *id-depożitu jsir minn persuna kapaċi lil waħda li ma tkun kapaċi*, il-persuna li tagħmel id-depożitu ma għandhiex ħlief il-jedd ta' *rivendikazzjoni* tal-ħaġa mogħtija b'depożitu, sakemm tkun għadha f'idejn id-depożitarju, inkella ta' l-azzjoni tar-radd sas-somma li tkun sfat ta' gid lid-depożitarju";

Mela d-depożitant għandu kontra d-depożitarju inkapaċi, minbarra l-"actio de in rem verso", anki l-azzjoni ta' rivendikazzjoni, purchè l-oġġetti jkunu għadhom f'idejn id-depożitarju;

Minn dan jiġi li l-attur hu in perfetta regola meta eżerċita l-azzjoni odjerna;

Xejn ma jfisser il-fiċ-ċitazzjoni hemm użata l-kelma "restituzzjoni" minflok "rivendikazzjoni", għax dawn huma termini ekwipollenti; u anzi hi aktar proprja l-kelma "restituzzjoni"; tant li Cattaneo e Borda (Cod. Civ. It. Annotato), fil-komment tagħhom għall-artikolu identiku tal-Kodiċi Taljan, art. 1842, jgħidu hekk: "Ma essa non può invocare la propria incapacità, nè per sottrarsi all'azione in restituzione inesattamente qualificata rivendicazione, nel caso in cui questa cosa si trovi ancora nelle sue mani ......";

*Għal* dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

*Billi* tiċħad *l-appell* u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta appellanti; u tirrinvija l-proċess lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.